**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**

**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Clyde Farrugia**

**Kumpilazzjoni numru 38/2020**

**Illum, ħmistax (15) ta' Ottubru 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Clyde Farrugia** detentur tal-karta tal-identità numru 235197(M), fejn ġie akkużat talli nhar 23 ta' Frar 2020 għall-ħabta tas-2:30am waqt li kien qiegħed fi triq il-Pallijiet u/jew fil-viċinanzi fin-Nadur, Għawdex:

1. Attakka jew għamel resistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma tixtieqx il-vjolenza pubblika kontra Joseph Muscat Uffiċjal ta' Transport Malta u Richard Joseph Maurice Vella Uffiċjal ta' Transport Malta, persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti u dan bi ksur ta' Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi inġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku u ċjoè Joseph Muscat Uffiċjal ta' Transport Malta u Richard Joseph Maurice Vella Uffiċjal ta' Transport Malta waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-aritkolu 95 Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Richard Joseph Maurice Vella Uffiċjal ta' Transport Malta, skont kif iċċertifikata t-Tabib Faraaz Bhatti M.D.MCM No. 4355 minn l-isptar Ġenerali ta' Għawdex, ai termini tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq l-persuna ta' Joseph Muscat Uffiċjal ta' Transport Malta skont ma' ċertifika Dr. Anselm Psalia M.D. minn poliklinika

ta' Rabat, Għawdex u dan bi ksur tal-artikoli 214 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġjiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies b'għajjat jew bi mod ieħor u dan bi ksur tal-artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba illi minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilità mil-liġi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurtà ta' TM officer Joseph Muscat u TM officer Richard Joseph Maurice Vella u l-familji tagħhom sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lil ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' flus li tiġi ffisata mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali (*a fol. 85*) datata 12 ta' Novembru 2020 li permezz tagħha bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti Istruttorja kif maħsub taħt:

1. Fl-artikoli **96** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu **95** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu **214** u **216(1)(b)** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu **214** u **221(1)** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu **15A**, **17**, **31**, **412Ċ** u **533** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tas-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru 2020 ġew moqrija l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fit-tnax (12) ta' Novembru 2020.

Rat illi fl-istess seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni sabiex dan il-kaz jiġi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni. Semgħet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Rat in-nota ta' sottomissjonijet tal-parte civile Joseph Musact u Richard Joseph Maurice Vella a fol. 157 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Clyde Farrugia a fol. 175 et seq tal-process.

Rat li l-verbal tas-seduta tas-sebgħa (7) ta' Lulju 2021 fejn il-kawza ġiet differita għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Rijassunt tax-Xhieda</u>**

**<u>PS 1061 J Zammit</u>** (Fol. 22) xehed li fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2020 waqt li kien xogħol waqt il-karnival tan-Nadur ġie infurmat li kien seħħ

argument fi Triq il-Paljijiet, Nadur fejn matulu ġew attakkati l-ufficjali ta' Transport Malta Joseph Muscat u Richard Joseph Maurice Vella. Dawn stqarrew mal-Pulizija li persuna kien mar fuqhom jgħajjat għax kien laqqat citazzjoni. Dan tefa' c-citazzjoni f'ħalqu, bezqu u telaq 'l isfel. Aktar tard huma nizlu aktar 'l isfel fit-triq. Dan l-istess persuna kien qiegħed ma' ħajt vicin il-vettura li kienet ingħatat ic-citazzjoni. Dan ġie minn wara tagħhom u ta daqqa ta' ponn f'wiċċ Richard Vella. Joseph Muscat qabad lil dan ir-raġel u ġibdu minn fuq Richard Vella u dan beda jagħti wkoll lill-Muscat. Il-vettura kellha n-numru HFZ 098.

**<u>PS 698 Shaun Tabone</u>** (Fol. 32 et seq) xehed li nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2020 waqt li kienu għaddejjin iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Karnival tan-Nadur, Joseph Muscat u Richard Joseph Vella uffiċjali ta' Transport Malta irraportaw fl-Għassa tan-Nadur li huma kienu ġew aggrediti minn persuna waqt li kienu qegħdin jikkontrollaw it-traffiku. Spjegaw li marret persuna fejnhom jgħajjat għaliex kienet laqqat citazzjoni. Dan tefa' t-ticket f'ħalqu, kielu u bazqu 'l barra. X'ħin niżlu aktar 'l isfel raw lil din il-persuna mal-ħajt fejn il-vettura li kienet laqtet citazzjoni. Fil-pront dan mar minn warajhom u għall-għarrieda ta daqqa ta' ponn lil Richard Vella. Muscat min-naħa tiegħu qal lis-Surġent li huwa ġibed lil din il-persuna minn fuq Vella biex ma jkomplix jaħbat għalih izda l-aggressur ipprova jaħbat għal Muscat wkoll. Waqt l-incident, l-aggressur għamel wkoll ħsara fil-vettura HFZ 098 li imbagħad rikeb fiha u telaq minn fuq il-post.

Minn stħarriġ li għamlet il-Pulizija irrizulta li sid il-vettura HFZ 098 kien Christian Hafiz Saadallah. Huwa ġie arrestat. Meta l-vittmi ġew murija

lil Christian huma ikkonfermaw li l-aggressur kien xi ħadd li kien jixbhu. Christian naqas li jsemmi l-isem tal-persuna li aggredixxa lill-uffiċjali ta' Transport Malta. Waqt li kien qiegħed isir l-arrest, huwa ġie infurmat bid-dritt li jinforma lil xi ħadd bl-arrest tiegħu. Huwa xtaq li ħuh Joseph ikun infurmat.

Joseph Muscat ipprezenta certifikat mediku maħruġ minn Dr Anselm Psaila. Muscat kien qed ibati minn tbenġila f'wiċċu. Din ġiet klassifikata bħala ta' natura ħafifa. Richard Vella għadda wkoll ċertifikat mediku maħruġ minn Dr Faraaz Bhatti fejn Dr Bhatti ikkonkluda li Vella kien soffra feriti ta' natura gravi.

Ix-xhud kompla jgħid li l-Pulizija baqgħet għaddejja bl-investigazzjonijiet tagħha fuq il-kaz. Il-Pulizija stabbiliet li l-aggressur li kien aggredixxa lil Richard Vella kien Clyde Farrugia. Dan ġie arrestat mill-Pulizija tan-Naxxar u kien anke irrilaxxa stqarrija fil-presenza tal-Avukat tal-fiduċja tiegħu.

**L-Ispettur Bernard Charles Spiteri** (Fol. 35 et seq) xehed li fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2020 għall-ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (03.00hrs) huwa kien ġie infurmat li ftit ħin aktar qabel zewġ uffiċjali ta' Transport Malta kienu ġew aggrediti minn xi persuni. Dan waqt li kienu qegħdin xogħol peress li f'dik il-ġurnata kien qiegħed jiġi organizzat il-Karnival tan-Nadur. Mill-investigazzjonijiet li għamlu l-Pulizija ġie stabbilit li kien hemm tlieta min-nies li wħud minnhom kienu qegħdin jagħmlu uzu minn vettura bin-numru HFZ 098. Il-vettura kienet fuq isem Christian Hafiz Saadallah.

L-Ispettur kompla jgħid li Christian kien ammetta miegħu li kien sab ticket mal-vettura tiegħu u li ma kienx ħa pjacir b'dan. Ftit lil hinn mill-vettura tiegħu kien hemm zewġ ħaddiema ta' Transport Malta jikkontrollaw it-traffiku. Hu mar jargumenta magħhom għax kien laqqat it-ticket u anke rema t-ticket fid-direzzjoni tagħhom. Dak il-ħin kien hemm ma' Christian certu Izaak Psaila.

L-Ispettur spjega li wara li kien hemm dan l-argument, l-imputat Clyde Farrugia kien għaddej mill-inħawi u ħebb għall-haddiema ta' Transport Malta. Farrugia caħad li kien ħebb għal dawn il-ħaddiema u li kienu l-istess ħaddiema ta' Transport Malta li kienu ħebbew għalih. Farrugia sostna mal-Pulizija li hu kien daħal bejniethom biex iferraq. L-Ispettur xehed li kienu inġabru xi filmati mill-cameras tas-sigurta u li minn tali filmati kien ġie jidher parti mill-argument li kien seħħ. Fil-fatt ġie jidher l-imputat qed iħebb għall-ħaddiema ta' Transport Malta. Kien l-istess imputat li mar iħebb għalihom.

**<u>In kontro-ezami</u>**, l-Ispettur xehed li l-imputat kien ġie muri dan il-filmat wara li kienet itteħditlu l-istqarrija.

Fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Settembru 2020 l-Ispettur ippreżenta filmat minn camera tas-sigurta li kien inġabar dakinhar li seħħ l-incident. Il-video kienu għaddihulu s-sid tad-dar fuq talba tal-Pulizija.

**<u>In kontro-ezami</u>** l-Ispettur qal li l-filmat ma kienx inġabar dakinhar stess iżda xi jumejn jew tlieta wara. Inġabar wara li l-persuni kienu ġia

tressqu b'arrest. Oriġinarjament kien mar Pulizija jarah u qal li l-filmat ma kienx ċar. Pero huwa insista li jinġabar xorta waħda. Fil-fatt kien inġabar u minnu ra parti mill-incident. Ix-xhud spjega wkoll li fil-ħin indikat fuq il-camera, l-incident ma deherx. Izda imbaghad irriżulta li l-ħin fuq il-camera ma kienx korrett u li kien qiegħed siegħa lura. Fil-fatt l-incident ġie jidher aktar tard.

**Joseph Muscat** (Fol. 39 et seq) xehed li huwa impjegat ma' Transport Malta u kien xogħol waqt il-Karnival tan-Nadur. Hu kien qiegħed jikkontrolla t-traffiku. F'ħin minnhom mar wieħed bil-balaklava, qabad lil sieħbu minn spalltu, dawru u tah daqqa ta' ponn. Kif ra hekk, ix-xhud beda jipprova li jimbotta lil dan tal-balaklava u dan beda jipprova jagħtih wkoll. Ix-xhud kompla jgħid li huwa rnexxielu jneħħi l-balaklava. Huwa għaraf l-imputat bħala l-persuna li kien bil-balklava u li kien aggredixxa lil sieħbu.

**In kontro-ezami** li sarlu fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Mejju 2021 (Fol. 108 et seq), ix-xhud indika li huwa intlaqat bi sbrixx mill-imputat waqt li kien qed jipprova jaqlagħlu l-balaklava. Mistoqsi jekk ordnax lill-imputat ineħħi l-maskla, x-xhud wieġeb li din il-persuna ma ħallitux. Mistoqsi kif l-imputat ta d-daqqa lil sieħbu, Muscat wieġeb li huwa ra lil sieħbu jinġibed u jlaqqat daqqa ta' ponn. Bid-daqqa Vella waqa' fl-art u imbagħad l-istess imputat intefa' fuqu. Spjega wkoll li qabel tah id-daqqa, l-imputat kien dawwar lil Vella u tah id-daqqa minn quddiem. Muscat ma ftakarx ezattament bl-liema id Farrugia ta d-daqqa ta' ponn lil Vella. Pero kien mija fil-mija cert li l-imputat ta daqqa ta' ponn lil Vella.

Mistoqsi jekk il-ġrieħi li kellu l-imputat u li dehru x'ħin neħħielu l-balaclava għamilhomlux hu jew le, Muscat ċaħad. Kompla jgħid wkoll li dawn il-ġrieħi lanqas ma kien għamilhomlu l-kollega tiegħu. Muscat caħad wkoll li huwa kien laqat lill-imputat x'ħin kien qed ineħħilu l-balaklava. Mistoqsi wkoll kif qala lill-imputat x'ħin dan kien fuq sieħbu, ix-xhud wieġeb li huwa qabdu minn spalltu u ġibdu 'l fuq.

Rigward il-maskla x-xhud indika li din kienet tgħatti l-wiċċ kollu u kienet ta' materjal artab. L-imputat kellu jidhru biss għajnejh.

**<u>Richard Joseph Vella</u>** (Fol. 41 et seq) xehed li fil-lejl ta' bejn it-tnejn u għoxrin (22) u t-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2020 huwa kien xogħol ma' Transport Malta fi Triq il-Knisja, Nadur, Għawdex. F'ħin minnhom marru tnejn fuqhom u bdew joffenduhom. Huma injorawhom u komplew fuq xogħolhom. Aktar tard, huma nizlu aktar 'l isfel minn fejn kienu qegħdin għax kien weħel it-traffiku. It-tnejn min-nies li kienu offendewhom kienu qegħdin ma' ħajt. Huma u telgħin 'l fuq, fil-pront mar wieħed minn warajh u tah daqqa ta' ponn f'għajnu. Bid-daqqa huwa beda jistordi. Huwa ipprova jiġi daqsxejn f'tiegħu. Kif dar sab lil Joseph Muscat li kien miegħu qed jaqlagħlu l-balaklava. Ix-xhud għaraf lill-imputat bħala l-persuna li kien bil-balaklava u li kien aggredieh. Ix-xhud temm jgħid li l-imputat ma kienx ma' dawk iz-zewġ persuni li kienu marru fejnhom fil-bidu joffenduhom.

**<u>In kontro-ezami</u>** li sarlu fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Mejju 2021 (Fol. 105 et seq) ix-xhud spjega li hu u Joseph kienu qegħdin fi Triq il-Knisja, in-

Nadur. F'ħin minnhom marru fuqhom Izaak u sieħbu jillattikaw magħhom fuq kontravvenzjoni li ma kinux ħarġu huma. Izaak qabad it-ticket tefgħu f'ħalqu, beżqu għal saqajhom u telaq. Aktar tard weħel it-traffiku u hu flimkien ma' sieħbu niżlu jikklerjaw il-minibuses. Izaak u sħabu kienu qegħdin ftit 'l bogħod bil-qegħda. Hekk kif ix-xhud u Muscat kienu telgħin 'l fuq u sejrin għall-post minn fejn kienu ġew, mar l-imputat minn wara, ġibdu lura, tah daqqa ta' ponn u beda jintilef minn sensieh. Ix-xhud qal li huwa ipprova jagħmel sforz biex jibqa' f'sensieh. Huwa dar u inzerta lil sieħbu jaqlagħlu l-balaklava li kellu. Huwa rah mill-ġenb u ra wkoll it-tattoo.

Mistoqsi jekk l-imputat kienx magħhom fl-ewwel parti tal-argument, ix-xhud wieġeb fin-negattiv. Mistoqsi kif l-imputat qabdu minn wara u laqtu minn quddiem, ix-xhud wieġeb li l-imputat nizlu minn wara u tah daqqa ta' ponn minn quddiem.

**<u>Izakk Psaila</u>** (Fol. 45 et seq) xehed li huwa kien qiegħed il-Karnival tan-Nadur u qala' citazzjoni. Huwa kien flimkien ma' Christian. Spjega li huwa kien argumenta mal-ħaddiema ta' Transport Malta u imbagħad telaq. Mistoqsi x'kien ġara wara, ix-xhud qal li ma kienx jaf x'ġara wara għaliex hu kien telaq. Magħhom kien hemm wkoll it-tfaljiet tagħhom. Mistoqsi jekk huwa kienx ra lill-imputat dakinhar, ix-xhud wieġeb fl-affermattiv. Pero ma rahx jiġġieled.

**<u>Christian Hafiz Saadallah</u>** (Fol. 48 et seq) xehed li huwa kien qieghed in-Nadur, ra ġlieda u resaq 'l bogħod minnha. Ix-xhud ma ftakarx kemm kien hemm nies jiġġieldu. Qal li ta' Transport Malta kienu

involuti. Huwa telaq minn fuq il-post bil-mixi. Miegħu kien hemm it-tfalja tiegħu.

Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx ra lill-imputat fuq il-post dakinhar, ix-xhud wieġeb fl-affermattiv. Hu ma kienx jafu. Pero spjega li kien mac-corma nies li kienu qegħdin jargumentaw. Ix-xhud pero ma rax lill-imputat jargumenta mal-ufficjali ta' Transport Malta.

**<u>Jonathan Mizzi</u>** (Fol. 69 et seq) xehed li huwa ġie inkarigat janalizza tlett filmati tac-CCTV u sabiex joħroġ stills mill-istess filmati. Fir-rapport tiegħu x-xhud spjega li mill-filmati jirriżulta li kien seħħ argument u li fih kienu involuti xi ufficjali. Pero minħabba d-dlam u peress li l-camera kienet 'l bogħod id-dettalji tal-ġlieda u tal-persuni involuti ma jidhrux. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-filmati li ġew prezentati ma kinux editjati u li wieħed kien ikompli mal-ieħor. Ix-xhud temm jgħid li ma setax jikkonferma jekk id-data u l-ħin li kien qed juri l-filmat kinux reali jew le. Dan peress li ma kienx hu li niżżel il-filmat.

**<u>Dr Anselm Psaila</u>** (Fol. 81 et seq) xehed li fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2020 huwa kien eżamina lil Joseph Muscat. Huwa kien qallu li kien laqqat daqqa ta' ponn aktar kmieni fil-ġurnata. Ix-xhud spjega li huwa seta' jinnota li Muscat kellu nefħa zgħira u ħmura 'l fuq mill-għajn tax-xellug. Dawn dehru li kienu ta' natura ħafifa.

**<u>L-imputat Clyde Farrugia</u>** (Fol. 98 et seq) xehed li huwa kien ġie Għawdex għall-karnival. Spjega li huwa kien miexi għall-affari tiegħu u lemaħ lil Izaak jargumenta ma' żewġ ufficjali pubblici. Huwa daħal biex

iferraq l-argument u ġie aggredit. Huwa iddefenda ruħu. L-imputat ma kienx f'posizzjoni li jgħid lil minn laqat jew inkella min kien aggredieh. Riżultat ta' din l-aggressjoni huwa spiċċa b'gundella, qasma taħt għajnu u tbenġil f'żaqqu. Ix-xhud ikkonferma li uffiċjal ta' Transport Malta kien ħebb għalih.

**<u>In kontro-eżami</u>** meta ġie mistoqsi għalfejn mar iferraq l-argument, ix-xhud wieġeb li lil Izaak kien jafu għax kien miegħu l-iskola. Huwa mar iressaq lil Izaak peress li kien qed jargumenta. Kompla jgħid li x'ħin daħal f'nofshom huwa intlaqat b'daqqa u iddefenda ruħu.

Mistoqsi jekk kienx għaddej l-argument bejn Izaak u ta' Transport Malta u li hu kien mar u ħebb għal ta' Transport Malta, ix-xhud wieġeb fin-negattiv. Ix-xhud indika lil Joseph Muscat bħala l-ufficjal ta' Transport Malta li kien sawtu.

F'dan il-punt sar konfront ma' **<u>Joseph Muscat</u>**. Muscat assolutament ċaħad dak li qal l-imputat. Spjega li l-incident kien seħħ xi ħames mitt metru (500m) bogħod minn fejn Izaak u sħabu kienu marru joffenduhom. Muscat spjega li huma kienu niżlu aktar 'l isfel peress li kien weħel it-traffiku. X'ħin ikklerjaw it-traffiku, innutaw li dawk li kienu għajjruhom kienu qegħdin bil-qegħda xi tletin metru bogħod. Huma għalhekk bdew telgħin 'l fuq minn fejn kienu ġew. Richard kien miexi miegħu fuq in-naħa tal-lemin. Fis-siegħa u l-ħin ġie bniedem minn wara qabad lil Richard minn spalltu, tah daqqa ta' ponn u xeħtu mal-art. Dak il-ħin il-persuna li ta d-daqqa lil Richard kien liebes balaklava. Muscat kompla jispjega li huwa qala lil din il-persuna minn

fuq Richard u imbuttah. Hu beda jipprova jagħtih. Hu rnexxielu jaqlagħlu l-balaklava. Muscat għaraf lil din il-persuna bħala l-imputat li kien prezenti fl-awla. Indika li dan kellu misluta u anke tattoo f'idu.

L-imputat ġie imbagħad mistoqsi x'kellu f'wiccu dakinhar u indika li kien liebes maskra tan-Ninja. L-imputat temm jgħid li wara li seħħ l-argument huwa telaq minn fuq il-post u mar lura l-farmhouse fejn kien alloġġjat. Mistoqsi għalfejn telaq jekk kien vittma u ma marx talab l-assistenza tal-Pulizija, huwa wieġeb li kien għamel żball kbir li m'għamilx rapport.

**__Dr Edward Cherubino__** (Fol. 123) xehed fil-kwalita tiegħu ta' espert mediku maħtur mill-Qorti sabiex jirrelata fuq il-ġrieħi sofferti mill-parte civile. Huwa spjega li Joseph Muscat kien soffra ġrieħi ta' natura ħafifa u ma kellu l-ebda diżabilita jew marki permanenti riżultat tal-ġrieħi li kien soffra. Rigward Richard Vella, ix-xhud qal li dan kien soffra ksur fl-għadam ta' wiccu u li għalhekk il-feriti kienu gravi. Ma kellu l-ebda marki permanenti jew dizabilita permanenti.

**__Fatti tal-Kaz__**

Il-fatti ta' dan il-każ huma s-segwenti:

Nhar il-Ħadd tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2020, Joseph Muscat u Richard Vella, ufficjali ta' Transport Malta kienu qegħdin in-Nadur fil-vesti tagħhom ta' ufficjali ta' Transport Malta sabiex jidderieġu t-traffiku. Dan peress li kienu għaddejjin l-attivitajiet relatati mal-Karnival tan-

Nadur. F'ħin minnhom waqt li kienu fi Triq il-Knisja, ġew avvicinati minn Izaak Psaila fejn dan ipprotesta magħhom dwar kontravvenzjoni li kien sab mal-vettura. Huwa anke indirizza kliem oxxen fil-konfront taz-zewġ ufficjali. Huma injorawh u komplew għaddejjin b'xogħolhom. Ftit tal-ħin wara Muscat u Vella ħtiġielhom jinżlu aktar 'l isfel minn fejn kienu qegħdin peress li t-traffiku spicca imblukkat. Wara li neħħew l-ostakolu għat-traffiku, huma bdew mexjin lura mid-direzzjoni minn fejn kienu ġew. Fil-pront l-imputat mar fuqhom, qabad lil Richard Vella minn wara, dawru u tah daqqa ta' ponn f'wiccu. Bid-daqqa Vella spicca fl-art u l-imputat intefa għal fuq Vella. Muscat neħħa lill-imputat minn fuq il-kollega tiegħu u huwa u jagħmel hekk safa' attakkat mill-imputat. Muscat soffra wkoll xi ġrieħi.

Min-naħa tiegħu l-imputat jiċħad din il-verzjoni tal-fatti. Jinsisti li huwa kien mar iferraq lil Izaak għax kien għaddej argument bejn Izaak u ufficjali ta' Transport Malta. Waqt li kien qed jipprova jifred, huwa spicca aggredit mill-ufficjal ta' Transport Malta Joseph Muscat u per konsegwenza huwa soffra xi ġrieħi.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti hija għalhekk rinfaccjata b'zewġ verzjonijiet ta' dak li seħħ. Min-naħa hemm il-verżjoni tal-parte civile Joseph Muscat u Richard Vella u min-naħa l-oħra hemm il-verzjoni tal-imputat. Il-fatt li Qorti tkun rinfaccjata b'verzjonijiet konflingenti, ma jfissirx li l-Qorti għandha bil-fors tillibera. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting*

*evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".* F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara:** jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaccetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

L-istess linja ta' ħsieb ġiet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** mogħtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637*

*tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."*[1]

Dak li trid tagħmel il-Qorti għalhekk huwa li tevalwa ż-żewġ verżjonijiet u tara tistax tattribwixxi kredibbilita lil xi waħda miż-żewġ verżjonijiet mogħtija. Din il-Qorti fliet metikolozament l-atti, għarblet dak li intqal mid-diversi xhieda u qieset il-komportament tax-xhieda fuq il-pedana meta ġew biex jiddeponu. Hija m'għandha l-ebda eżitazzjoni biex temmen il-verzjoni mogħtija mill-parte civile u teskludi kompletament dak li sostna l-imputat. Il-Qorti waslet għal din il-konkluzjoni wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(a) Il-parte civile kienu dejjem konsistenti fil-verżjoni li huma taw dwar kif zviluppa l-incident, sia fil-verżjoni li huma taw lill-Pulizija *a tempo vergine*, sia meta huma iddeponew quddiem din il-Qorti kif wkoll anke fil-kontro-eżami tagħhom. Il-verżjoni li huma taw tal-incident ma ġiet kontradetta mill-ebda xhud ieħor apparti l-imputat. Il-verżjoni tagħhom issib komfort wkoll fil-filmati tac-CCTV, li għalkemm mhux car, jindika li seħħet aggressjoni fil-konfront ta' żewġ ufficjali. It-tnejn jagħmluha cara li huma kienu qegħdin għall-affari tagħhom u sfaw aggrediti mill-imputat. Din l-aggressjoni ma saritx fil-ħin li Izaak kien qiegħed jikkwistinja

[1] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

magħhom dwar ic-citazzjoni li kienet laqqat. L-aggressjoni da parti tal-imputat saret wara;

(b) Il-verzjoni li jagħti l-imputat ma issib l-ebda sostenn fix-xhieda ta' Izaak Psaila. Minkejja li l-imputat jaċċena għall-fatt li huwa mar jaqbez għal Psaila li kellu kwistjoni ma' uffiċjali ta' Transport Malta, senjatament li mar jifirdu peress li kienet għaddejja ġlieda bejniethom, Psaila assolutament ma jsemmi xejn dwar dan. Fil-fatt jgħid li lill-imputat ma rahx jiġġieled. Għalkemm lill-imputat rah fuq il-post, huwa ma kienx jafu. Dan kuntrarju għal dak li jixhed l-imputat fejn jgħid li hu u Izaak kienu l-iskola flimkien;

(c) L-istqarrija tal-imputat fiha wkoll inkonsistenzi. L-ewwel jgħid li huwa x'ħin daħal iferraq spicca qala daqqa ta' ponn ma jafx mingħand min u spicca jagħti biex jiddefendi lilu inniffsu. Lejn l-aħħar tal-istqarrija imbagħad jgħid li safa aggredit minn wieħed mill-uffiċjali ta' Transport Malta.

(d) Minkejja li l-imputat kien soffra ġrieħi, huwa ma marx jieħu l-kura u stranament lanqas ma mar jagħmel l-ebda rapport dwar dan l-incident. Ma kien hemm xejn xi iżommu milli jagħmel dan ir-rapport jekk verament l-affarijiet ġraw kif sostna hu. Li għamel l-imputat kien biss li qabad u telaq minn fuq il-post, forsi anki fi sforz sabiex ma jiġix identifikat u irritorna lura lejn il-farmhouse fejn kien qiegħed joqgħod. Infatti l-Pulizija damet xi ġranet sabiex identifikat lill-imputat u arrestatu. Huwa probabbli ferm li l-imputat ma marx jagħmel ir-rapport mhux rizultat ta' xi żball

minn tiegħu iżda biex ma jinqabadx u ma jiġix assocjat mal-incident.

Stabbiliti kif seħħew l-affarijiet, din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex teżamina jekk tistax tinstab ħtija abbażi tal-artikoli indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju ta' ġudizzju.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

- **<u>L-Ewwel Imputazzjoni (L-Artikolu 96 tal-Kap. 9)</u>**

L-artikolu 96 tal-Kap. 9 jattribwixxi ħtija għal min *"jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġimill-awtorità kompetenti."* Minn eżami ta' dan l-artikolu tlieta huma l-elementi li jridu jiġu sodisfatti biex persuna tinstab ħatja ta' din l-imputazzjoni:

(i) Irid ikun hemm l-attakk jew ir-resistenza. Il-fatt li jkun hemm biss diżubbidjenza tal-liġi jew inkella ta' ordni mogħtija minn xi awtorita ma jissodisfax il-vot tal-liġi in kwantu jirrigwarda dan ir-reat. *Se mai* jkun jista' jirriżulta biss ir-reat kontemplat fl-artikolu 95. Fil-kummentarju tiegħu għall-Kodici Kriminali, il-Profs Mamo jistqarr li: *"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent*

*authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith." ;*[2]

(ii) Ir-reat irid jiġi kommess fil-konfront ta' persuna inkarigata mil-liġi minn servizz pubbliku;

(iii) L-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt li huwa jkun qiegħed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ordni mogħtija skont il-liġi minn awtorita kompetenti. Il-Mamo jispecifika li: *"Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, woult not give rise to the crime."*[3]

Issir riferenza wkoll għas-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Lawrence Attard</u>** mogħtija nhar it-12 ta' Settembru 1996 fejn kien inghad li: *"biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (re:attakk jew rezistenza kontra ufficjal pubbliku) irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia rezistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda ukoll li dana l-attakk jew rezistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u **<u>jsir waqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompeteni</u>**. Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun gia' arresta u*

[2] Mamo A., Notes on Criminal Law, Vol. II, pg 47.
[3] Ibid. Pg 49.

*qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jesegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija jkun qighed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixi "ghall-esekuzzjoni tal-ligi" fis sens ta' l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta' l-artikolu 95."* (enfazi mizjuda).

Eżaminati l-atti processwali, din il-Qorti hi tal-fehma li dan ir-reat ma jirriżultax. Għalkemm huwa minnu li seħħet aggressjoni fil-konfront ta' żewġ ufficjali ta' Transport Malta, **l-attakk ma sarx fil-mument li l-istess ufficjali kienu qegħdin jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi**. L-incident seħħ wara li ż-żewġ ufficjali kienu ikklerjaw it-traffiku li inġema u kienu sejrin lura fil-post fejn kienu oriġinarjament. Dan joħroġ b'mod mill-aktar car mill-ispjegazzjoni mogħtija mill-parte civile Joseph Muscat fil-konfront li inżamm bejnu u bejn l-imputat:

> *"Issa, aħna konna qegħdin hemm fuq, 'l fuq iżjed minn fejn ġara l-accident. Fejn ġara l-accident hemm xi madwar ħames mitt metru bogħod minn fejn Isaac u sħabu ġew jgħajjruna hemm fuq. Weħel it-traffic fejn seħħ l-incident, inżilna jiena u sieħbi Richard Vella biex ineħħu l-mini buses. X'ħin neħħejna l-mini buses lil sieħbi Richard Vella għedtlu "dawk li ġew jgħajjruna qegħdin bilqiegħda faccata." Kienu daqs tletin metru bogħod minna. Għedtlu "ejja mmorru 'l fuq ħalli*

*baqagħlna kwarta jgħaddi u nitilqu lejn id-dar." Telgħin 'l fuq, Richard kien miexi miegħi fuq in-naħa tal-lemin, fis-siegħa u l-ħin nara bniedem qabdu minn spalltu u tah daqqa ta' ponn, xeħtu mal-art."*[4]

It-tielet element għalhekk huwa nieqes kompletament. Anke li kieku mill-atti kellu jirriżulta li l-istess incident kien konness mal-ordnijiet li kienu taw iż-żewġ ufficjali biex jikklerjaw it-traffiku jew b'rabta ma' xi citazzjoni li setgħet ingħat minnhom, ir-reat ma jistax jirriżulta għaliex l-ordni jew il-liġi ġia kienet ġew esegwiti.

- **<u>It-Tieni Imputazzjoni (L-Artikolu 95 tal-Kap. 9)</u>**

L-artikolu 95 tal-Kap. 9 jistabilixxi li *"Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz,jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro(800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000)."*

Għalkemm bħal fil-każ tal-artikolu 96 il-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku, iż-żewġ reati ipotizzati huma differenti minn xulxin. L-element materjali tar-reat kontemplat fl-artikolu 95

[4] Fol. 102

huwa l-inġurja, it-theddid jew l-offiża fuq il-persuna tal-ufficjal pubbliku. Il-liġi tipprospetta li l-inġurji, theddid jew offiżi jistgħu jsiru fil-kuntest ta' tlett xenarji differenti: (a) waqt li l-ufficjal pubbliku jkun qed jagħmel servizz pubbliku; (b) minħabba li l-istess ufficjal pubbliku jkun għamel dan is-servizz pubbliku; (c) jew inkella bil-ħsieb li jbeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz. It-tlett xenarji jirrikjedu provi differenti. Filwaqt li fil-każ tal-ewwel xenarju l-oltraġġ mhux necessarjament irid ikun konness mal-funzjoni pubblika tal-ufficjal u huwa biżżejjed li jsir fil-kuntest ġenerali tax-xogħol li l-ufficjal jkun qiegħed iwettaq mingħajr ma jiġi stabbilit mottiv, fiż-żewġ xenarji l-oħra trid issir il-prova li l-oltraġġ kien relatat mal-qadi tal-istess funzjoni pubblika. Il-Professur Mamo fin-notamenti tiegħu jikkwota lill-awturi Cheveau et Helie li jgħidu li: *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e indifferente; la legga vede soltanto il turbamento, l'inguria fatta all' esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita; avesse pure quest' ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbbe sempre."*[5]

Applikati dawn il-principji għall-fatti in kawża, din il-Qorti tikkonkludi li r-reat ipotizzat taħt l-artikolu 95 jirriżulta fil-każ in diżamina. L-imputat għamel offiżi fuq il-persuna ta' Joseph Muscat u Richard Vella u ikkaġunalhom ġrieħi, kif sewwasew sejjer jiġi elaborat aktar 'l isfel f'din is-sentenza. Dawn l-offiżi saru waqt li l-istess ufficjali kienu qegħdin xogħol in konnessjoni mal-Karnival tan-Nadur. Għalkemm l-oltraġġ ma jidhirx li kien relatat mal-qadi tal-

[5] Mamo A., Ibid, pg 43. Ir-riferenza għal Chaveua et Helie hija Vol. II, p.I, para 960.

funzjoni pubblika tal-parte civile, kif ġia senjalat tali motiv mhux necessarju biex tinstab ħtija in kwantu jirrigwarda l-ewwel xenarju prospettat mill-artikolu 95. Il-fatt li l-oltraġġ seħħ waqt li l-parte civile kienu qegħdin jagħmlu servizz pubbliku huwa biżżejjed għall-sejbien ta' ħtija. Dan irrispettivament mill-mottiv li seta' kellu l-imputat li wettaq l-aggressjoni.

- **<u>It-Tielet Imputazzjoni (L-Artikoli 214 u 216)</u>**

Din it-tielet imputazzjoni wkoll tirrizulta ippruvata. L-atti jikkonfermaw kif Richard Vella soffra feriti ta' natura gravi: bizzejjed li wieħed jagħmel riferenza għar-ritratti esebiti mar-rapport tal-espert mediku Dr Edward Cherubino li juru l-entita tal-ġrieħi li soffra Richard Vella f'wiccu. Dawn il-ġrieħi arrekaw sfreġju f'wiccu. Dan apparti l-fatt li Vella soffra wkoll ksur fl-għadam tal-wicc. Huwa minnu li fortunatament l-ġrieħi fiequ mingħajr ma ħallew marki permanenti fuq wicc Richard Vella. Pero b'daqshekk dan ma jneħħi xejn mill-gravita tal-ġrieħi sofferti mill-punto di vista. Dwar dan il-punt din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li spjegat il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Salvinu Vella</u>** deciza fit-tletin (30) ta' Settembru 2019 fejn il-Qorti kienet irrimarkat hekk:

> *"Meta offiza ggib mankament jew sfregju fill-wicc, l-ghonq jew wahda mill-idejn, dik l-offiza tkun wahda gravi ex artikolu 216(1) (b) tal-Kodici Kriminali anke jekk dak l-isfregju jdum ghal ftit hin. Jekk jipperdura, fejn*

*allura jkun jehtieg ezami vizwali minn distanza mhux ragjonevoli, dak l-isfregju jitqies sfregju gravi fit-termini tal-artikolu 218(1)(b).*

*Tajjeb li in rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008,* ***Il-Pulizija vs Desmond Falzon****, li ccit b'approvazzjoni s-sentenza taghha* ***Il-Pulizija vs Paul Spagnol*** *tat-12 ta' Settembru 1996, fejn kien ritenut hekk:*

***B'mankament ... fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entitia' della alterazjoni stessa o per l'espressione d'assieme del volto" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik il-hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija vs Emily Zarb App Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta l-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici necessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm simplici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-***

***entita' tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc.***

*Naturalment dak li intqal dwar il-wicc huwa ugwalment applikabbli ghall-ghonq u ghall-idejn. Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a). Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza kienet fuq l-idejn, fl-ghonq jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn. Dan hu hekk ghaliex il-legislatur donnu jaghti protezzjoni specjali ghal dawk l-estremitajiet tal-gisem li solitament huma dejjem mikxufin u ghaliex mankament jew sfregju fihom igibu maghhom il-konsegwenzi naturali u ovvji fuq l-offiz.*

*Fis-sistema legali taghna, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Fortunato Sultana*** *tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit zmien jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghal-esposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir referenza*

*ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia*** *fejn oltre s-sentenza citata saret refeneza ghal-diversi sentenzi ohra foshom dik* ***Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich*** *tat-2 ta' Settembru 1999 kien ritenut hekk:*

***Kif din il-Qorti kellha l-opportunita' li tirrimarka f'okkazzjonijeit ohra, l-isregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsemmija 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita') ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment…"***

*Fi kliem iehor, offiza gravi tista' ssehh fuq kull parti tal-gisem, pero' fejn si tratta tal-wicc, l-ghonq jew l-idejn hija dejjem gravi jekk iggib sfregju anka ghal ftit hin kif fuq spjegat. F'kaz ta' permanenza, dik l-offiza tkun gravissima. Issa jekk l-offiza ssir fuq parti ohra tal-gisem il-kwistjoni dwar jekk tkunx wahda hafifa, gravi jew gravissima tiddependi minn jekk tirrientrax f'dak ravvizat fil-kumplament tal-artikoli 216, 218 u fin-nuqqas 221(1)."*[6]

Il-fatt li seħħ sfreġju li dam għall-ftit zmien fil-wiċċ tal-parte civile Richard Vella huwa sufficjenti biex jissodisfa l-vot tal-liġi għall-fini ta' sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 216(1)(b).

---

[6] Pagni 9 – 12 tas-sentenza.

- **<u>Ir-Raba' Imputazzjoni (L-Artikoli 214 u 221(1) tal-Kap. 9)</u>**

Din l-imputazzjoni wkoll tirriżulta ippruvata. L-aggressjoni da parti tal-imputat fuq il-persuna ta' Joseph Muscat waslet sabiex ġew kaġunati feriti fuq il-persuna tal-istess Joseph Muscat. Dawn il-feriti għalkemm ġew sofferti fil-wicc ma kinux tali li arrekaw xi sfreġju jew mankament fil-wicc ta' Muscat. Infatti kif indika Dr Anselm Psaila li ezamina lil Muscat, dan kellu biss ftit ħmura fuq waħda minn għajnejh. Dr Psaila ikklassifika l-feriti bħala ta' natura ħafifa u dan ġie anke konfermat mill-istess espert mediku ta' din il-Qorti.

- **<u>Il-Ħames Imputazzjoni</u>**

Din il-Qorti ma tistax issib ħtija taħt din l-imputazzjoni stante li l-artikolu 338(m) tal-Kap. 9 li fuqu hija bazata din l-imputazzjoni ma ġiex indikat fin-nota ta' rinviju ta' ġudizzju tal-Avukat Ġenerali. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi biex tillibera lill-imputat.

**KONSIDERAZZJONIJIET OHRA DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

*"il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bl-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu*

*importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[7]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat. Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali.

---

[7] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Ricentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Borg**[8] dahlet fil-fond dwar l-iskop ta' piena:

Din il-Qorti tagħmel ir-riflessjonijiet segwenti dwar l-istess piena. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett:

(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi s-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta' bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta' teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.

L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għall-biża' li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta', b'mod li dak li jkun jerġa' jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

L-**aspett preventiv** għalhekk huwa dupliċi: wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-**effett preventiv ġenerali** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta' tiġi kemm jista' jkun imrażżna milli tikkommetti reati minħabba l-

[8] Appell numru 96/2019deciz Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja fl-10 t'Ottubru 2019

biżża' li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-**aspett preventiv speċjali** huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biżża' mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita' jew kwantita' tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorozita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-membri fi ħdan soċjeta' li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-**aspett riedukattiv u rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta' in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu nnifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wassluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta' bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha **effetti riedukattivi u korrezzjonali** fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta', billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa' jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'għemilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

**ATTAKKI FUQ UFFICJALI TAL-INFURZAR QATT MHUMA SKUZABBLI**

Il-Qorti terga' ttenni li l-Ufficjali inkarigati minn infurzar ta' ordni pubbliku humiex Pulizija, Ufficjali tal-Komunita (ex wardens), Ufficjali ta' Trasport Malta, Ufficjali Korrettiv li jahdmu fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin jew Detention Officers, iridu jkunu protetti waqt li jkunu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom u hadd mhuwa skuzat – tkun xi tkun ir-raguni – li jhedded lil xi hadd minnhom jew li b'xi mod iweggaghhom.

Ordni ta' ufficjal tal-infurzar ghandha tkun obduta mal-ewwel u ghandu jintwera rispett lejn kull uffiċjal dejjem u kullimkien. Dan ir-rispett ghandu jidher b'mod l-aktar ċar u enfatiku f'sitwazzjonijiet fejn tkun dahlet imqar naqra tensjoni. F'dan il-kaz it-tensjoni holoqha bla bzonn l-imputat stess, liema imgieba qatt mhi se tkun tollerata minn din il-Qorti.

**Il-Qorti ma tridx li ufficjali inkarigati mill-infurzar jiddemoralizzaw ruhhom ghaliex ghad hawn min jahseb li hu 'l fuq mil-ligi u ma jirrispetta lil hadd. Attakk fuq membru ta' xi forza tal-ordni huwa attakk fuq is-socjeta' kollha. Kif jista' f'pajjizna xi hadd jaccetta li membru ta' xi korp jew agenzija inkarigat mill-infurzar johrog mid-dar ghal gurnata tax-xoghol u jirritorna lura ferut?**

L-ufficjali tal-infurzar qeghdin hemm sabiex jipprotegu lic-cittadin u m'ghandhomx jigu mqieghda f'sitwazzjoni li jibzghu jezercitaw id-dritt taghhom li jikkoregu lill-individwu li ma jkunx qed jimxi skont il-ligi.

Il-Qorti tinkoragixxi lil dawk kollha inkarigati mill-infurzar tal-ligijiet sabiex jintervjenu kull fejn ikun hemm xi nuqqas ta' terz u dan bl-intendiment li jkun hemm armonija shiha fil-pajjiz.

**DECIDE:**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti:

(a) mhux qiegħda ssib lill-imputat Clyde Farrugia ħati tal-ewwel (1) u tal-ħames (5) imputazzjonijiet u qiegħda tilliberah minnhom;

(b) Wara li rat l-artikoli 17(b), 95, 214, 216(1)(b), 221(1) qiegħda ssib lill-imputat ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet u qiegħda **tikkundannah għal piena ta' tliet (3) snin prigunerija u multa ta' erbat elef ewro (€4000).**

Il-Qorti tqis li m'hemmx ħtieġa għal Ordni għat-Trażżin fil-konfront tal-imputat.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap. 9, il-Qorti qiegħda tikkundanna lill-ħati sabiex huwa jħallas lir-Reġistratur ta' din il-Qorti l-ammont ta' disa' mija u sitta u ħamsin ewro u ħames ċenteżmi (€956.05) rappreżentanti spejjeż ta' esperti in konnessjoni ma' dan il-każ.

| | |
|---|---|
| **Dr. Joseph Mifsud** | **Joseph Grech** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** |